Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Julian Mercieca.

Seduta tal-lum 6 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Julian Mercieca ta' 27 sena, bin Eucharistico, imwieled Victoria, Ghawdex, karta tal-identita' numru 36461 (G) kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> **Talli: fit-22 ta' Ottubru, 1998 ghal-habta ta' xi 9.30 am, fl-Imgarr, Ghawdex minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Agius, mix-Xaghra, skond kif iccertifika Dr. Carmelo Galea, MD ta' L-isptar Generali ta' Ghawdex.**

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Gunju 1998 skond l-artikolu 370(3) tal-kap 9 fejn baghat lill-imputat biex ikun gudikat minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikokli 212, 215 sa 218 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat iddikjara illi ma ghandhux oggezzjoni li l-kawza tieghu tkun trattta bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta' glieda bejn l-imputat u certu Joseph Agius fuq sit li kien that kostruzzjoni fejn Joseph Agius sofra griehi ta' natura gravi.

Joseph Agius xehed (fol 27 *et seq*) illi dak in-nhar tal-incident hu u huh marru ghax-xoghol fis-sebgha ta' filghodu  Fid-disa' wasal l-imputat u Charles Agius qallu li ghandu joqghod fuq il-mixer biex jaghgen it-tajn filwaqt illi Joseph Agius kellu jmur f'kamra ohra jaghmel il-halib tal-madum.  F'hin minnhom Joseph Agius sema hoss u ra l-mixer mal-art.  Mercieca beda jwallah f' Joseph Agius li kien qaleb il-mixer u dan quddiem l-imghallem.  Hemmhekk bdew jiggieldu ma' xulxin, Mercieca qatgha katina li Agius kellu ma ghonqu, gheddu li jitfghu isfel, qabad gebla wara l-ohra u Charles Agius hadielu minn idejh (Mercieca).  Mercieca imbaghad qabad pala u xejjer daqqa ta' pala lill Joseph Agius u laqtu go rasu.  Meta rega ittanta jtigh bil-pala Joe Agius laqa' b'idu u b'hekk inkissirlu subghajh u kellu jaghmel sitt punti fih. Mercieca rega tah daqqa ohra u laqtu fuq rasu fejn kellu jaghmel erba punti ohra. Agius jghid ukoll illi Mercieca tefghalu flixkun u laqtu go dahru.

Minn naha tieghu l-imputat qal li Agius kien kellmu hazin u tefa flixkun fid-direzzjoni tal-imputat u xejjirrllu daqqa ta' ponn go halqu.  Il-flixkun izda ma laqtux. Dak il-hin intilef u tah daqqa bil-pala li kellu f'idu.

Il-kompitu ta' din il-Qorti f'din il-kawza huwa li tara liema verzjoni hija l-aktar attendibbli u jekk hemmx il-provi  kollha biex jikkoraboraw dik il-verzjoni li tasal ghaliha il-Qorti.  Carmel Agius u Michael Agius ikkoroboraw il-verzjoni li ta Joseph Agius.   L-imputat ikkonferma li ta daqqa ta' pala lill-Joseph Agius izda f'cirkostanzi differenti minn kif jghid Agius.  Fix-xhieda ta' PS 309 Michaelangelo Dimech, dan jghid illi meta mar fuq il-post biex jinvestiga l-kaz, talab lill-imputat itih il-pala mertu

tal-incident. L-imputat gablu pala differenti minn dik uzata u wara aktar stharrig skopra dik vera.

L-imputat minn naha tieghu jghid illi fil-hin li inqaleb il-mixer, Joseph Agius kellmuj hazin, tefalu flixkun fid-direzzjoni tieghu u xejjirlu daqqa ta' ponn. Dan il-flixkun ma laqtux izda Agius xejjirlu daqqa ta' ponn u laqtu go halqu. Dak il-hin l-imputat intilef u ta daqqa ta' pala lill-Agius. Di piu' ma jafx kemm il-daqqa xejjirlu. Da parti tieghu l-imputat esebixxa certifikat mediku li juru li garrab qasma fuq xoftu (small LCW upper lip (inner aspect).

Ic-certifkat mediku dwar Joseph Agius ezebit mill-prosekuzzjoni ma kienx kontestat mid-difiza. Dan jiddeskrivi s-segwenti feriti: "Sustained blows to head and R hand with hoe (marlogg). Sustained lacerations of 1 Right parietal region 2 frontal region 3 over middle phalanx of right middle finger. Tenderness over R thumb. X-rays show compound fracture of R middle phalanx of middle finger. No skull fractures seen. LCW sutured. Given antibiotics. Injuries of grevious nature, per durata. Ic-certifikat mediku inoltre huwa illustrat permezz ta' debiti ritratti prezentati minn Joseph Agius.

Minn ezami ta' dawn il-fatti jirrizulta illi Joseph Agius garrab diversi feriti fosthom tnejn fuq rasu li kienu ta' natura serja kif ukoll ksur f'wiehed minn sebghu. L-imputat irid lill-Qorti temmen illi huwa rrejagixxa ghall agressjoni ta' Agius billi xejjirlu daqqa ta' pala. Wara illi semghet lill-partijijiet kollha il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni tal-imputat li ma hemmx dubbju li f'mument ta' rabja, kif minnu ammess, intilef, u ma jafx kemm il-daqqa ta lill-Joseph Agius. L-imputat, a tempo vergine, ried jahbi il-verita meta lill-ufficcjal li investiga l-kaz urih pala li ma kienitx uzata fl-incident ghaliex dik li fil-fatt intuzat kienet imcappsa bid-demm. Anke jekk fl-ghar ipotesi din il-Qorti tasal biex temmen lill-imputat, dan ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni fil-ligi biex jaghmel dak kollu li bih huwa imputat illum. Id-daqqa ta' ponn minn subita, jekk inhu l-kaz, ma kellu bl-ebda mod jirrizulta f'rejazzjoni tali.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 212, 215 sa 218 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 9 tal-Kap 152.

Il-Qorti fehmet l-import ta' din il-liberazzjoni lill imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) David Cini
Skrivan

Vera kopja

Ghar-Registratur